MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 220/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Gomez Blanco**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Gomez Blanco talli fl-24 ta' Gunju 2004 ghall-habta tat-8.30 p.m. gewwa l-fond Blk G, Flat 4, Triq Hal-Farrug, Luqa, hedded lil martu Tanya Gomez Blanco bil-kliem;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat il-proceduri fil-konfront ta' l-appellant preskritti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali tad-29 ta' Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija ta' l-istess appellat u tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-procediment bis-smiegh tal-kawza u decizjoni;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Rat il-verbal tallum stess fejn Dott. Edward Gatt ghall-appellat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

Permezz ta' l-appell tieghu l-Avukat Generali qieghed jikkontendi li l-ewwel Qorti erronejament illiberat lill-appellat minhabba li l-azzjoni kienet preskritta meta fil-fatt u skond il-ligi dan ma kienx il-kaz.

M'hemm l-ebda dubju li l-Avukat Generali ghandu ragun. L-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat ghal ksur ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali hi kontravvenzjoni. Skond il-paragrafu (f) ta' l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali, l-azzjoni kriminali ghall-kontravvenzjonijiet taqa' bl-eghluq ta' tliet xhur. Ir-reat addebitat lill-appellat allegatament sehh fl-24 ta' Gunju 2004. Ic-citazzjoni nharget mis-Citations Office tal-Pulizija fit-23 ta' Awissu 2004. Mir-riferta esebita jirrizulta li c-citazzjoni giet notifkata lill-appellat stess fis-26 ta' Awissu 2004 fis-6.10 p.m., ghalhekk entro t-terminu msemmi ta' tliet xhur. Dan ifisser li permezz ta' tali notifika z-zmien tal-preskrizzjoni nkiser (artikolu 693 tal-Kodici Kriminali). Huwa gie notifikat sabiex jidher ghas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2004, f'liema seduta l-ewwel Qorti erronejament iddikjarat l-azzjoni preskritta.

Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali huwa gustifikat u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tipprocedi bis-smiegh u decizjoni tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------